KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 59

**It-Tnejn 24 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 59.1 Qari tal-Apoloġiji

59.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 58

59.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

59.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 58 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 59.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Is-Sindku informa li fix-xahar ta' Lulju hu u s-SE kienu ltaqgħu ma' rappreżentant ta' IM u jidher li hemm żblokk fuq ix-xogħlijiet tal-eks *barracks*. Waqt il-laqgħa kien hemm qbil li s-SE se terġa' tgħaddi r-rapport tal-*engineer* tal-Kunsill li juri biċ-ċar li d-dawl ma jistax jitranġa minħabba l-periklu li ġie kkawżat waqt ix-xogħlijiet li saru mill-kuntrattur ta' IM. Ir-rappreżentant ta' IM kien ikkonferma wkoll li għax-xogħol l-ieħor se jiġi allokat kuntrattur biex qabel ix-xitwa jsir bil-lest. Is-Sindku informa li flimkien ma' dawn ix-xogħlijiet, IM kienu se jieħdu ħsieb li jagħmlu rampa u pavimentar ġdid fi Triq il-Ġiżi sabiex din iż-żona tiġi aċċessibbli għal kulħadd. Se ssir ukoll *sleeping policeman* żgħira minħabba li qed jidħol l-ilma ġol-garaxxijiet ta' quddiem it-torri tal-arloġġ kull meta tagħmel ix-xita.

59.3.2 Is-Sindku informa li aktar tard matul il-ġimgħa se tinżamm laqgħa ma' Project Green fir-rabta mal-proġett tal-foresta tal-frott fl-eks *barracks*.

## 59.4 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

59.4.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-*Managing Authority* kienu approvaw €60,000 bħala żieda fuq il-kuntratt tal-*Finishes* taċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni. Ovvjament dan l-ammont naqqas mill-piż finanzjarju li għandu l-Kunsill għalkemm xorta waħda mhux se nkunu ġbarna l-ammont neċessarju sħiħ.

59.4.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex titlob lill-Perit u lill-inġinier biex jaħsbu biex 'il quddiem ikun jista' jsir *divider* bejn il-kmamar tal-banju sabiex wieħed jintuża għall-viżitaturi tal-VC u l-ieħor bħala latrina pubblika.

59.4.3 Is-SE infurmat li l-*corten steel* mad-dawra tal-VC kien twaħħal kważi kollu. Min-naħa l-oħra kien għad fadal numru ta' xogħlijiet oħra li għandhom pendenti u għaldaqstant ikkonfermat li x-xogħol kien waqa' lura ħafna aktar milli kien maħsub.

59.4.4 Għaldaqstant hawnhekk talbet lill-Kunsill sabiex japprova li ssir estensjoni ġdida sal-aħħar ta' Novembru 2023. Il-Kunsill approva t-talba tas-SE.

59.4.5 Is-SE ġibdet l-attenzjoni wkoll dwar l-inawgurazzjoni tal-proġett li kien qed jiġi ssuġġerita li ssir fit-tieni ġimgħa ta' Novembru. Kien hemm qbil li din issir il-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2023 flgħaxija. Kien hemm qbil li jiġi ffurmat sottokumitat magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Mifsud, is-SE u s-Sinjura Sciberras mill-uffiċċju tal-Kunsill.

59.4.6 Is-SE infurmat ukoll li fir-rigward tas-siġġijiet, b'differenza ta' żieda verament minima ta' €8.60 mill-ammont totali ta' qabel, kienu ġew ordnati 80 siġġu minflok 30.

59.4.7 Is-SE infurmat li kien hemm numru ta' varjazzjonijiet żgħar fil-kuntratt tal-M&E's, fosthom biex ġie installat vit u drain biex ikun hemm sink żgħir fl-istore wara r-reception counter. Il-Kunsill approva dawn il-varjazzjonijiet.

59.4.8 Is-SE infurmat ukoll li hemm numru ta' varjazzjonijiet oħra fir-rigward tal-kuntratt tal-Finishes. Hawnhekk hija preżentat rapport sħiħ min-naħa tal-perit tal-Kunsill. Fost oħrajn kien hemm diskussjoni dwar l-ammont ta' *brackets* li kien hemm oriġinarjament fuq il-kwotazzjoni li għadda l-kuntrattur u l-ammont li ntuża verament. Minħabba li dan kien għolla l-prezz b'mod konsiderevoli kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-kuntrattur li jżomm il-prezz oriġinali sabiex isir il-ħlas għall-ammont kollu ta' *brackets* li ġew utilizzati.

59.4.9 Is-SE infurmat li kienet ġabret numru ta' kwotazzjonijiet għall-filmat u għamlet talba lill-MTA għall-għajnuna finanzjarja. Hija infurmat li sal-ġurnata ma kienet irċeviet ebda risposta.

59.4.10 Is-SE infurmat li kienet ġabet kwotazzjonijiet għal *custom angled storage* għall-*auditorium* sabiex jgħatti xi katusi tal-bejt. Kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bl-irħas kwotazzjoni li kienet għal €2242.

## 59.5 *Tender* tat-tiswija tad-dawl tat-toroq

59.5.1 Is-SE infurmat li wara li ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur u s-SE tar-Reġjun Tramuntana dwar numru ta' kontijiet li ma kienx ingħata default fuqhom kienet saret laqgħa mal-kuntrattur fejn dan spjega l-problemi kbar li qed jiffaċċja biex idaħħal *replacement* minflok il-ħaddiem li kellu. Għaldaqstant kienet ġiet diskussa din il-materja waqt il-laqgħa tar-Reġjun u kien hemm qbil li għandu jingħata *default* biss jekk ix-xogħol ma jkunx sar wara 8 *working days* minn meta sar ir-rapport. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 59.6 *Un/loading Bay* fi Triq l-Imtarfa

59.6.1 Is-SE għamlet riferenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jagħmel talba għall-approvazzjoni ta' *un/loading bay* b'parkeġġ biss għal kwarta fi Triq l-Imtarfa.

59.6.2 Hija infurmat li skont TM dan ma kienx possibbli u għaddiet is-suġġeriment ta' TM. Il-Kunsill approva li din għandha tinbidel f'*un/loading bay* għal vetturi kummerċjali mis-7am sa 12pm mit-Tnejn sas-Sibt u *unrestricted parking remaining hours*.

59.6.3 Kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni għal parkeġġ bil-ħin għal min mhux residenti (*Timed parking).* Wara diskussjoni kien hemm qbil li ż-żoni għandhom ikunu 1) quddiem Binja Buqana fi Triq it-Torri tal-Arloġġ, 2) il-pjazzetta ta' San Nikola u 3) il-parkeġġ ta' Triq il-

Gladjoli u 4) Triq Dar il-Kaptan fil-parkeġġ ta' quddiem Dar il-Kaptan innifisha. Il-qbil kien li l-massimu li wieħed jista' jipparkja jekk mhux resident, ikun ta' siegħa..

59.6.4 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tikteb lill-Awtorità tal-Ippjanar u titlobhom li jsir *ring fencing* mal-fondi tal-Imtarfa sabiex jintużaw għal proġett min-naħa tagħna.

## 59.7 Kont tal-Ilma

59.7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kont ta' €4607.96 f'kontijiet għall-ilma tal-uffiċċju minħabba li kien hemm il-meter qadim u qatt ma nbidel. Is-SE talbet direzzjoni mingħand il-Kunsill. Kien hemm qbil li dan għandu jitħallas f'ħames *installments*.

## 59.8 Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (April – Ġunju 2023)

59.8.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart permezz tal-email.

59.8.2 Hija infurmat li l-Kunsill kien spiċċa t-tieni kwart tas-sena b'mod pożittiv maġġorment minħabba li qed ikun hemm *surplus* fuq il-kont tal-iskart.

59.8.3 Sadanittant ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill Lokali xorta waħda għandu joqgħod attent fid-dawl li għad għandu ħafna spejjeż xi jsiru fuq il-Visitors Centre u anke għaliex il-*cash flow* hija baxxa ħafna.

## 59.9 Parkeġġ f'Binja Qlejgħa

59.9.1 Is-SE infurmat li kienet ittieħdet azzjoni mill-pulizija biex jingħalaq il-parkeġġ ta' ħdejn il-GO, li jiffurma parti minn Binja Qlejgħa. Sadanittant kienet qed tiġi proposta laqgħa mas-CEO tal-HA. Min-naħa tal-Perit tal-Pulizija, kien infurmaha li la l-Pulizija u lanqas il-Kunsill ma setgħu jagħlqu l-aċċess tal-garaxxijiet għaliex dan huwa privat.

## 59.10 Punti Oħra

59.10.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li mill-pagamenti tal-Club House kien ġie aċċettat biss wieħed miċ-ċekkijiet. It-tlieta l-oħra kienu għadhom pendenti u kienet se terġa' tipprova tgħaddihom fil-ġranet li ġejjin minħabba li ġiet infurmata li kellhom problema ta' *cash flow*.

59.10.2 Is-SE infurmat li kienet għaddiet ritratt ta' *climber* ġdid għall-bandli li kienu qed jipproponu l-MTIP. Kien hemm qbil li jistgħu jmexxu bil-climber il-ġdid. Min-naħa l-oħra ma kienx hemm qbil li ssir basketball hoop minħabba periklu tal-vetturi u tfal li joħorġu jiġru wara l-ballun. MTIP se jintalbu jagħmlu struttura ġdida minflok.

59.9.3 Il-Kunsill ma qabilx li titneħħa l-floodlight li twaħħlet riċentament fi Trejqet il-Qronfol.

59.9.4 Saret laqgħa mal-organizzaturi tal-iMdina Grand Prix. Kien hemm qbil li t-telgħa tkun id-dħul prinċipali, kif inhi preżentament. Se jitpoġġew żewġ uffiċjali mar-Roundabout il-kbira ta' ħdejn iċ-ċimiterju biex il-vetturi jidħlu kontra t-traffiku. Kien hemm qbil li r-Rabat ikun fuq sistema ta' ring road biex tonqos il-konġestjoni. Minn Triq l-Istazzjon wieħed ikun jista' jinżel u jdur lejn in-Nigret. Triq l-Imtarfa se tibqa' tieħu traffiku lejn iż-żewġ naħat (dħul u ħruġ). Il-Kunsill talab ukoll li Triq l-Infetti tkun miftuħa għat-traffiku.

59.9.5 Bħala uffiċjali se jkun hemm tnejn ħdejn ir-roundabout taċ-ċimiterju, 2 ħdejn taż-żebgħa, wieħed fuq nett ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, u tnejn id-Dwejra. Se ssir Grand Stand isfel nett ta' Triq l-Istazzjon u se jkun hemm *Shuttle bus* (ġie speċifikat eżattament li jkun xi mini-van) madwar l-Imtarfa/Rabat/Mdina.

59.9.6 L-organizzaturi kienu kkonfermaw li se jarmaw wara s-7:30pm tal-Ġimgħa. Bil-lejl se jibqa' kollox l-istess imma bl-infurzar.

59.9.7 Kien hemm qbil li jekk it-triq ta' Chadwick Lakes ma tkunx lesta, wieħed jista' jgħaddi wkoll mit-triq tad-Dwejra lejn l-Imġarr.

## 59.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

59.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 07/2023), kopja tagħha mehmuża.

59.10.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 59.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

59.11.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:40pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 ta' Awwissu 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 29 ta' Awwissu 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv